SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

12 ta' Settembru 2024*

"Appell – Politika ekonomika u monetarja – Direttiva 2013/36/UE – Aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Kompiti speċifiċi ta' sorveljanza fdati lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) – Irtirar tal-awtorizzazzjoni – Portata tal-kompetenzi tal-BĊE – Regolament (UE) Nru 468/2014 – Tqassim tal-kompetenzi bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu – Konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-dritt nazzjonali – Eżami dwar l-iżnaturament possibbli tad-dritt nazzjonali"

Fil-Kawża C-579/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-1 ta' Settembru 2022,

**Anglo Austrian AAB AG**, fi stralċ, irrappreżentata minn O. Behrends, Rechtsanwalt,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

**Belegging-Maatschappij "Far-East" BV**, stabbilita f'Velp (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata minn O. Behrends, Rechtsanwalt,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

**Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)**, irrappreżentat minn V. Hümpfner, R. Tutsch u E. Yoo, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, L. Bay Larsen (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Anglo Austrian AAB AG, fi stralċ, titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Ġunju 2022, Anglo Austrian AAB u Belegging-Maatschappij "Far-East" vs BĊE (T-797/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:389), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha, ippreżentat flimkien ma' Belegging-Maatschappij "Far-East" BV (iktar 'il quddiem l-"azzjonista"), intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ECB-SSM-2019-AT 8 WHD-2019 0009 tal-14 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha dan tal-aħħar, fuq proposta tal-Finanzmarktaufsichtsbehörde (l-Awtorità għas-Sorveljanza tas-Swieq Finanzjarji, l-Awstrija, iktar 'il quddiem il-"FMA"), irtira l-awtorizzazzjoni tal-appellanti għall-aċċess għall-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża").

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

##### *Id-Direttiva CRD IV*

2 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1 u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95, iktar 'il quddiem id-"Direttiva CRD IV"), intitolat "Irtirar tal-awtorizzazzjoni", jiddisponi:

"L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni mogħtija biss fejn tali istituzzjoni ta' kreditu:

[…]

(f) twettaq xi ksur imsemmi fl-Artikolu 67(1)."

3 L-Artikolu 67 ta' din id-direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet oħrajn", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan l-Artikolu għandu japplika tal-inqas fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

[…]

(d) l-istituzzjoni ma jkollhiex fis-seħħ l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74;

[...]

(o) istituzzjoni tinsab responsabbli għal ksur serju ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/60/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 102)];

[...]"

4 L-Artikolu 74 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Governanza interna u pjanijiet ta' rkupru u riżoluzzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-istituzzjonijiet għandu jkollhom arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà ddefiniti tajjeb, trasparenti u konsistenti, proċessi effikaċi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji li huma jew li jistgħu jkunu esposti għalihom, mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inkluż proċeduri amministrattivi u kontabbilistiċi tajba, u politiki u prattiki ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' ġestjoni tar-riskji soda u effikaċi u jippromwovuha."

*Ir-Regolament MSU bażiku*

5 Il-premessi 28, 29 u 34 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru°1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63, iktar 'il quddiem ir-"Regolament MSU bażiku"), huma fformulati kif ġej:

"(28) Kompiti superviżorji mhux ikkonferiti lill-BĊE għandhom jibqgħu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Dawk il-kompiti għandhom jinkludu s-setgħa li jirċievu notifiki mill-istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mad-dritt ta' stabbiliment u l-provvediment ħieles ta' servizzi, is-superviżjoni tal-korpi li mhumiex koperti bid-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-dritt tal-Unjoni iżda li huma taħt superviżjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-dritt nazzjonali, li jwettqu superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu minn pajjiżi terzi li jistabbilixxu fergħa jew li jipprovdu servizzi transfruntieri fl-Unjoni, li jwettqu superviżjoni ta' servizzi ta' pagamenti, li jwettqu l-verifiki tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ġurnata b'ġurnata, li jwettqu l-funzjoni ta' awtoritajiet kompetenti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu b'rabta mas-swieq fl-istrumenti finanzjarji, il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu u l-protezzjoni tal-konsumatur.

(29) Il-BĊE għandu jikkoopera, kif meħtieġ, bis-sħiħ mal-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti biex jiġu garantiti livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

[...]

(34) Għat-twettiq tal-kompiti tiegħu u l-eżerċitar tas-setgħat superviżorji tiegħu, il-BĊE għandu japplika r-regoli materjali relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Dawn ir-regoli huma magħmulin mil-liġi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari Regolamenti jew Direttivi applikabbli direttament, bħal dawk dwar rekwiżiti ta' kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dwar konglomerati finanzjarji. Fejn ir-regoli materjali relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu stabbiliti f'Direttivi, il-BĊE għandu japplika l-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tikkonsisti f'Regolamenti u f'oqsma fejn, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,dawk ir-Regolamenti jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, il-BĊE għandu japplika ukoll il-leġislazzjoni nazzjonali li teżerċita tali opzjonijiet. Tali opzjonijiet għandhom jiġu interpretati li jeskludu l-opzjonijiet disponibbli biss lil awtoritajiet kompetenti jew maħtura. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-preminenza tad-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li l-BĊE għandu jibbaża fuq u jaġixxi f'konformità mal-liġi vinkolanti rilevanti tal-Unjoni meta jadotta linji gwida jew rakkomandazzjonijiet jew meta jieħu deċiżjonijiet."

6 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kompiti kkonferiti lill-[BĊE]", jipprovdi:

"1. Fil-qafas tal-Artikolu 6, il-BĊE għandu, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ikun esklussivament kompetenti biex iwettaq, għal finijiet superviżorji prudenzjali, il-kompiti li ġejjin b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti:

(a) jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u jirtira l-awtorizzazzjonijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu soġġett għal-Artikolu 14;

[…]

3. Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-Regolament, u bl-objettiv li jiġu żgurati standards għoljin ta' superviżjoni, il-BĊE għandu japplika l-liġi rilevanti kollha tal-Unjoni, u fejn din il-liġi tal-Unjoni hija magħmula minn Direttivi, il-leġislazjzoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi. Fejn il-liġi rilevanti tal-Unjoni tkun magħmula minn Regolamenti u fejn attwalment dawk ir-Regolamenti jagħtu opzjonijiet lill-Istati Membri, il-BĊE għandu japplika wkoll il-leġislazzjoni nazzjonali waqt li jeżerċita dawk l-opzjonijiet.

[…]"

7 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Setgħat superviżorji u investigatorji", jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-fini esklussiv tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu bl-Artikoli 4(1), 4(2) u 5(2), il-BĊE għandu jitqies, kif adatt, bħala l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata fl-Istati Membri parteċipanti kif stabbiliti mill-atti rilevanti tad-dritt tal-Unjoni.

Għall-istess fini esklussiv, il-BĊE għandu jkollu s-setgħat u l-obbligi kollha li jinsabu f'dan ir-Regolament. Huwa għandu jkollu wkoll is-setgħat u l-obbligi kollha li l-awtoritajiet kompetenti u nominata għandu jkollhom skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor b'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-BĊE għandu jkollu s-setgħat elenkati fit-Taqsimiet 1 u 2 ta' dan il-Kapitolu.

Sal-limitu neċessarju għat-twettiq tal-kompiti konferiti fuqu b'dan ir-Regolament, il-BĊE jista', permezz ta' struzzjonijiet, jesiġi li dawk l-awtoritajiet nazzjonali jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom,

taħt u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt nazzjonali, fejn dan ir-Regolament ma jikkonferix tali setgħat fuq il-BĊE. Dawk l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinformaw b'mod sħiħ lill-BĊE dwar l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat."

8 L-Artikolu 14 tal-istess regolament, intitolat "Awtorizzazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 5 u 6 tiegħu:

"5. Soġġett għall-paragrafu 6, il-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni fil-każijiet stabbiliti fid-dritt rilevanti tal-Unjoni fuq l-inizjattiva proprja, wara konsultazzjonijiet mal-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru parteċipanti fejn tkun stabbilita l-istituzzjoni ta' kreditu, jew fuq proposta minn tali awtorità nazzjonali kompetenti. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet rigward l-irtirar, il-BĊE jagħti biżżejjed żmien lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiddeċiedu dwar l-azzjonijiet neċessarji ta' rimedju, inklużi miżuri ta' riżoluzzjoni possibbli, u jieħdu kont tagħhom.

Meta l-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun ipproponiet l-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 tqis li l-awtorizzazzjoni trid tiġi rtirata skont il-liġi nazzjonali rilevanti, din għandha tissottometti proposta lill-BĊE għal dak il-għan. F'dak il-każ, il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni dwar l-irtirar propost filwaqt li jikkunsidra bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni għall-irtirar imressqa mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

6. Sakemm l-awtoritajiet nazzjonali jibqgħu kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, f'każijiet fejn huma jqisu li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jippreġudika l-implimentazzjoni adegwata ta' azzjonijiet neċessarji għar-riżoluzzjoni jew biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, huma għandhom jinnotifikaw debitament l-oġġezzjoni tagħhom lill-BĊE bi spejgazzjoni fid-dettall tal-preġudizzju li l-irtirar jista' jikkawża. F'dawk il-każijiet, il-BĊE għandu jastjeni milli jipproċedi għall-irtirar għal perijodu miftiehem b'mod reċiproku mal-awtoritajiet nazzjonali. Il-BĊE jista' jestendi dak il-perijodu jekk huwa tal-opinjoni li jkun sar progess suffiċjenti. Jekk, madankollu, il-BĊE jiddetermina f'deċiżjoni raġunata li azzjonijiet adatti neċessarji biex tinżamm l-istabbilta finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għandu japplika immedjatament."

*Ir-Regolament Qafas MSU*

9 L-Artikolu 80 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (ĠU 2014, L 141, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Qafas MSU"), intitolat "Proposta tal-NCA [awtoritajiet nazzjonali kompetenti] biex tiġi rtirata awtorizzazzjoni", jiddisponi:

"1. Jekk l-NCA relevanti tikkunsidra li l-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tiġi rtirata totalment jew parzjalment skont il-liġi nazzjonali tal-Unjoni jew dik nazzjonali, inkluż l-irtirar fuq talba tal-istituzzjoni ta' kreditu, hija għandha tissottometti lill-BĊE abbozz ta' deċiżjoni li tipproponi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni (iktar 'il quddiem 'abbozz ta' deċiżjoni ta' irtirar'), flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' appoġġ relevanti.

2. L-NCA għandha tikkoordina mal-awtorità nazzjonali kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (iktar 'il quddiem l-'awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni') fir-rigward ta' kwalunkwe abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar li hija relevanti għall-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali."

10 L-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament, intitolat "Deċiżjoni tal-BĊE dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni", jipprovdi:

"1. Il-BĊE għandu jieħu deċiżjoni dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Meta jagħmel dan, huwa jista' jaċċetta jew jiċħad l-abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar relevanti.

2. Meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu, il-BĊE għandu jqis dawn kollha li ġejjin: (a) l-evalwazzjoni tiegħu taċ-ċirkustanzi li jiġġustifikaw l-irtirar; (b) fejn applikabbli, l-abbozz tad-deċiżjoni ta' rtirar tal-NCA; (c) konsultazzjoni mal-NCA relevanti u, fejn l-NCA ma tkunx l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni, l-awtorità nazzjonali tar-riżoluzzjoni (flimkien mal-NCA l-'awtoritajiet nazzjonali'); (d) kull kumment ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikoli 81(2) u 82(3).

3. Il-BĊE għandu wkoll jieħu deċiżjoni fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 84 jekk l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni relevanti ma toġġezzjonax għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, jew jekk il-BĊE jiddetermina li azzjonijiet kif suppost meħtieġa għaż-żamma tal-istabilità finanzjarja ma ġewx implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali."

### *Id-dritt Awstrijak*

11 L-Artikolu 39(2) u (2b) tal-Bundesgesetz über das Bankwesen (Bankwesengesetz) (il-Liġi Federali dwar is-Settur Bankarju, BGBl, 532/1993), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"BWG"), jipprevedi:

"(2) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċeduri amministrattivi, kontabilistiċi u ta' kontroll għall-identifikazzjoni, għall-evalwazzjoni, għall-ġestjoni u għall-monitoraġġ tar-riskji li jirriżultaw minn operazzjonijiet u tranżazzjonijiet bankarji, kif ukoll mill-politika u mill-prattiki ta' remunerazzjoni tagħhom. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu adattati għat-tip, għall-portata u għall-kumplessità tat-tranżazzjonijiet bankarji mwettqa. Il-proċeduri amministrattivi, kontabilistiċi u ta' kontroll għandhom ikopru wkoll, sa fejn ikun possibbli, ir-riskji bankarji u operazzjonali, kif ukoll ir-riskji li jirriżultaw mill-politiki u mill-prattiki ta' remunerazzjoni li jistgħu jirriżultaw. […]

(2b) Il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2 għandhom iqisu, b'mod partikolari:

[…]

11. ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu;

[…]"

12 Bis-saħħa tal-punt 3 tal-Artikolu 70(4) tal-BWG, meta istituzzjoni ta' kreditu tikser, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-BWG jew l-atti adottati għall-applikazzjoni tagħha, il-FMA għandha tirrevoka l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-każijiet fejn miżuri oħra msemmija fil-BWG ma jistgħux jiżguraw il-funzjonament tal-istituzzjoni ta' kreditu.

13 Skont l-Artikolu 31(3) tal-Bundesgesetz zur Verhinderung der Geldwäscherei und Terrorismusfinanzierung im Finanzmarkt (il-Liġi Federali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu fis-Swieq Finanzjarji, BGBl. I, 118/2016, iktar 'il quddiem il-"FM-GwG"):

"F'każijiet ta' ksur tal-obbligi skont l-Artikolu 34(2) u (3), il-FMA tista':

[…]

2. tirrevoka l-liċenzja mogħtija mill-FMA […]

[…]"

14 L-obbligi li jinsabu fl-Artikolu 34(2) u (3) tal-FM-GwG huma intiżi li jittrasponu d-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus stabbiliti mid-Direttiva 2005/60, li tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73).

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

15 Il-fatti li wasslu għall-kawża kienu ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 2 sa 9 tas-sentenza appellata u, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

16 L-appellanti, istituzzjoni ta' kreditu inqas sinjifikattiva, fis-sens tar-Regolament MSU bażiku, stabbilita fl-Awstrija, kienet teżerċita l-attivitajiet tagħha bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni mogħtija abbażi tal-BWG. L-azzjonista, kumpannija azzjonarja finanzjarja, kellha 99.99 % tal-azzjonijiet tal-appellanti.

17 Fis-26 ta' April 2019, il-FMA ppreżentat lill-BĊE abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tal-appellanti bħala istituzzjoni ta' kreditu, konformement mal-Artikolu 80(1) tar-Regolament Qafas MSU.

18 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Ġunju 2019, il-BĊE bagħat lill-appellanti abbozz ta' deċiżjoni ta' rtirar ta' awtorizzazzjoni, li dwaru din tal-aħħar ħadet pożizzjoni fit-23 ta' Lulju 2019.

19 Permezz tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-BĊE rtira l-awtorizzazzjoni tiegħu lill-appellanti bħala istituzzjoni ta' kreditu, b'effett mid-data ta' komunikazzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Essenzjalment, il-BĊE qies li, abbażi tal-konstatazzjonijiet tal-FMA, imwettqa fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompitu tagħha ta' superviżjoni prudenzjali, relatati man-nuqqas ta' osservanza kontinwa u repetuta tar-rekwiżiti relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll mal-governanza interna mill-appellanti, din ma kinitx kapaċi tiżgura ġestjoni soda tar-riskji tagħha. Għaldaqstant, il-BĊE qies li l-kriterji li jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-appellanti għall-aċċess għall-attivitajiet ta' istituzzjoni ta' kreditu, previsti fl-Artikolu 18(f) tad-Direttiva CRD IV u trasposti fid-dritt Awstrijak, kienu ssodisfatti, peress li hija kienet kisret l-Artikolu 67(1)(d) u (o) ta' din id-direttiva, kif traspost fid-dritt Awstrijak, u li dan l-irtirar kien proporzjonali.

20 Barra minn hekk, il-BĊE rrifjuta li jissospendi l-effetti tad-Deċiżjoni kontenzjuża għal perijodu ta' tletin jum minħabba li l-osservazzjonijiet tal-appellanti ma kinux ta' natura li jqajmu dubju dwar il-legalità ta' dik id-deċiżjoni, li dik id-deċiżjoni ma setgħetx tikkawża dannu irreparabbli u li l-interess pubbliku intiż għall-protezzjoni tad-depożitanti, tal-investituri u tas-sħab l-oħra tal-appellanti kif ukoll l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kien jiġġustifika l-applikazzjoni immedjata tal-imsemmija deċiżjoni.

**Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata**

21 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2019, l-appellanti u l-azzjonista ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

22 Insostenn tar-rikors tagħhom, l-appellanti u l-azzjonista qajmu ħames motivi, ibbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(a) u tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku, sa fejn il-kriterji meħtieġa għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni ma kinux issodisfatti (l-ewwel motiv); fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità (it-tieni motiv); fuq ksur tal-Artikolu 34 tar-Regolament Qafas MSU, moqri fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li jirriżulta mir-rifjut tal-BĊE li jissospendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża (it-tielet motiv); fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti (ir-raba' motiv), u fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonista (il-ħames motiv).

23 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

**It-talbiet tal-partijiet fl-appell**

24 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tqisx li hija f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

25 Fir-risposta tagħha, l-azzjonista titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata

– tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tqisx li hija f'pożizzjoni li tagħti deċiżjoni fuq il-mertu, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-BĊE għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti fil-kuntest taż-żewġ istanzi.

26 Il-BĊE jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

**Fuq it-talba għal rinviju lill-Awla Manja u għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali**

27 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Ġunju 2024, l-appellanti talbet li din il-kawża tiġi assenjata mill-ġdid lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jiġi ordnat il-ftuħ tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Insostenn tat-talbiet tagħha, l-appellanti ssostni, essenzjalment, li l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali jqajmu kwistjoni fundamentali għad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-awtorizzazzjoni tal-qrati tal-Unjoni li japplikaw id-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, l-appellanti tinvoka d-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

29 F'dan ir-rigward, u f'dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, it-talba għal assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawża lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni, hemm lok li qabelxejn jiġi rrilevat li l-ebda dispożizzjoni tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tar-Regoli tal-Proċedura ma tipprevedi t-trattament ta' dan it-tip ta' talba min-naħa ta' parti fil-kawża li ma hijiex Stat Membru jew istituzzjoni tal-Unjoni fil-kuntest ta' appell (ara, bħala analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 19).

30 Huwa minnu li, skont l-Artikolu 60(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-kulleġġ ġudikanti li quddiemu l-kawża ġiet irrinvijata jista', f'kull stadju tal-proċedura, jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tassenja mill-ġdid dik il-kawża lil kulleġġ ġudikanti iktar importanti, iżda din hija miżura li l-awla li lilha tkun ġiet assenjata l-kawża għandha tadotta, bħala prinċipju, *ex officio* u b'mod liberu (sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Leone, C-173/13, EU:C:2014:2090, punt 20).

31 F'dan il-każ, l-Ewwel Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tirrinvija din il-kawża lill-Awla Manja.

32 Fit-tieni lok, fir-rigward tat-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jitfakkar, minn naħa, li la l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni u lanqas ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedu l-possibbiltà, għall-persuni kkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 ta' dan l-Istatut, li jippreżentaw osservazzjonijiet bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali (sentenza tat-8 ta' Frar 2024, Pilatus Bank vs BĊE, C-750/21 P, EU:C:2024:124, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Min-naħa l-oħra, bis-saħħa tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE, l-Avukat Ġenerali għandu jippreżenta pubblikament, bl-ikbar imparzjalità u b'indipendenza sħiħa, konklużjonijiet motivati dwar il-kawżi li, konformement mal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni, jeħtieġu l-intervent tiegħu. Għalhekk, din ma hijiex opinjoni indirizzata lill-imħallfin jew lill-partijiet minn awtorità esterna għall-Qorti tal-Ġustizzja, iżda fehma individwali, motivata u espressa pubblikament, ta' membru ta' dik l-istituzzjoni stess. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jistgħux jiġu diskussi mill-partijiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta mill-konklużjonijiet u lanqas mill-motivazzjoni li abbażi tagħha

l-Avukat Ġenerali jasal għalihom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti kkonċernata mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ikunu liema jkunu l-kwistjonijiet li dan tal-aħħar jeżamina fil-konklużjonijiet tiegħu, ma jistax jikkostitwixxi fih innifsu raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali (sentenza tat-8 ta' Frar 2024, Pilatus Bank vs BĊE, C-750/21 P, EU:C:2024:124, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Huwa minnu li, konformement mal-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ jew il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

35 Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi u li l-elementi ppreżentati mill-appellanti insostenn tat-talba tagħha għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura ma jikkostitwixxux elementi ġodda ta' natura li jistgħu jeżerċitaw influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni li hija mitluba tagħti. Fil-fatt, il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-Qorti Ġenerali, indirizzata mill-Avukata Ġenerali fil-konklużjonijiet tagħha, tagħmel parti mill-ilmenti tal-appellanti fil-kuntest tal-appell, li dwarhom il-BĊE ħa pożizzjoni wkoll.

36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq l-appell

37 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tinvoka seba' aggravji, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali, fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni u, jekk ikun il-każ, fuq żnaturament tal-fatti; it-tieni wieħed, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; it-tielet wieħed, fuq evalwazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali u, fi kwalunkwe każ, fuq żnaturament tal-fatti; ir-raba' wieħed, fuq żbalji ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 67(d) tad-Direttiva CRD IV u tad-dritt nazzjonali; il-ħames wieħed, fuq in-nuqqas ta' eżami tal-ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità; is-sitt wieħed, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha, u, is-seba' wieħed, fuq diversi żbalji proċedurali li jippreġudikaw l-interessi tagħha.

### *Fuq it-tieni aggravju*

38 It-tieni aggravju, li għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok, huwa maqsum f'erba' partijiet.

*Fuq l-ewwel parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

39 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-premessa 28 tar-Regolament MSU bażiku tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali, bħall-FMA, kompetenza esklużiva fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, peress li l-BĊE ma għandux kompetenza f'dan il-qasam. Għaldaqstant, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma eżaminatx *ex officio* l-kwistjoni tal-kompetenza tal-BĊE u talli qasmet il-proċess deċiżjonali fil-qasam tal-irtirar ta'

awtorizzazzjoni f'żewġ partijiet, waħda dwar il-konstatazzjoni tal-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-oħra dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bħala konsegwenza legali ta' dan il-ksur.

40 L-azzjonista tirrepeti dan l-istess argument. Hija tippreċiża b'mod partikolari, billi tirreferi f'dan ir-rigward għal pubblikazzjoni ta' awturi li jagħmlu parti mis-servizzi legali tal-BĊE, li dan tal-aħħar stess ammetta tali nuqqas ta' kompetenza.

41 Il-BĊE jikkontesta kemm l-argument tal-appellanti kif ukoll dak tal-azzjonista.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

42 Peress li l-appellanti tikkontesta, permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, id-definizzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali tal-kompetenzi tal-BĊE, li tirriżulta mill-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament MSU bażiku, għandu jiġi kkunsidrat li l-ilmenti esposti fiha huma diretti kontra l-punt 29 tas-sentenza appellata.

43 F'dan ir-rigward, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li l-kompetenza fil-qasam tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu hija, skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament MSU bażiku, irriżervata esklużivament lill-BĊE (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punt 91).

44 Barra minn hekk, l-Artikolu 14(5) ta' dan ir-regolament jipprevedi li l-BĊE jista' jirtira l-awtorizzazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess fil-każijiet previsti mid-dritt applikabbli tal-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenzi nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti fejn l-istituzzjoni ta' kreditu hija stabbilita, jew fuq proposta ta' din l-awtorità (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punt 93).

45 Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali hija espressa, konformement ma' dan l-istess Artikolu 14(5) tar-Regolament MSU bażiku, minn naħa, permezz tal-obbligu ta' konsultazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet, fil-każ fejn il-BĊE jirtira l-awtorizzazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess, u, min-naħa l-oħra, permezz tal-possibbiltà għal dawn l-awtoritajiet li jipproponu l-imsemmi rtirar lill-BĊE (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punt 95).

46 L-Artikolu 18(f) tad-Direttiva CRD IV isemmi, fost ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bankarja, it-twettiq ta' wieħed mill-ksur imsemmi fl-Artikolu 67(1) ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, ġie deċiż li, għalkemm l-Istati Membri jibqgħu kompetenti għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif tipprevedi espliċitament il-premessa 28 tar-Regolament MSU bażiku, il-BĊE għandu kompetenza esklużiva għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, indipendentement mill-importanza tagħhom, anki meta dan ikun ibbażat, bħal f'dan il-każ, fuq ir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 67(1)(d) u (o) tad-Direttiva CRD IV, li għaliha jirreferi l-Artikolu 18 ta' din id-direttiva, peress li l-Artikolu 14(5) tal-imsemmi regolament jistabbilixxi bħala kundizzjoni għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni l-eżistenza ta' raġuni waħda jew iktar li jiġġustifikaw l-irtirar skont l-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punt 97).

47 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-BĊE kien kompetenti sabiex jirtira l-awtorizzazzjoni tal-appellanti abbażi tal-ksur ikkonstatat mill-FMA skont l-Artikolu 18(f) u l-Artikolu 67(1)(d) u (o) tad-Direttiva CRD IV.

48 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda.

*Fuq it-tieni parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

49 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, id-distinzjoni bejn il-"kompiti" u s-"setgħat" tal-BĊE u tenfasizza li dik l-istituzzjoni ma għandhiex is-setgħa li tapplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li tittrasponi d-direttivi rilevanti.

50 Mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li applikazzjoni mill-BĊE tad-dritt nazzjonali f'dan il-qasam hija possibbli biss fil-kuntest tal-"kompiti" fdati lill-BĊE. Konsegwentement, peress li dan tal-aħħar ma għandux is-"setgħat" neċessarji f'dan ir-rigward, l-azzjoni tiegħu hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-awtorità nazzjonali taġixxi, fuq livell estern, taħt il-kontroll tal-qrati nazzjonali, abbażi ta' istruzzjoni li l-BĊE bagħtilha, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament u mal-Artikolu 22 tar-Regolament Qafas MSU. Interpretazzjoni differenti tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku jkollha l-effett li tirrendi din id-dispożizzjoni illegali, peress li timplika li l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tkun eskluża mill-istħarriġ tal-qrati nazzjonali.

51 Il-BĊE jiċħad dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

52 Mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku jirriżulta li, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'dan ir-regolament, u bl-għan li jiġu żgurati standards superviżorji għoljin, il-BĊE għandu japplika d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt tal-Unjoni u, fejn dan ikun kompost minn direttivi, id-dritt nazzjonali li jittrasponi dawn id-direttivi. Issa, fost il-kompiti li jirreferi għalihom il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu hemm dak li jikkonsisti fl-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

53 Barra minn hekk, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tal-imsemmi regolament jirriżulta li, għall-finijiet biss tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu b'mod partikolari mill-Artikolu 4(1) tiegħu, il-BĊE għandu s-setgħat kollha u huwa suġġett għall-obbligi kollha previsti f'dan l-istess regolament.

54 Għaldaqstant, il-BĊE għandu s-setgħat kollha previsti mir-Regolament MSU bażiku għall-finijiet, b'mod partikolari, tat-twettiq, impost fuqu, tal-kompitu ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, mingħajr ma d-distinzjoni bejn il-"kompiti" u s-"setgħat" invokata mill-appellant tkun rilevanti f'dan ir-rigward.

55 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-illegalità tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku, sa fejn, kif interpretata, din id-dispożizzjoni jkollha l-konsegwenza li teskludi l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali mill-istħarriġ tal-qrati nazzjonali, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti ma invokathiex insostenn tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza. Issa, skont l-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 190(1) ta' dawn ir-Regoli, it-tressiq ta' aggravji ġodda fil-mori tal-kawża huwa pprojbit sakemm dawn l-aggravji ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura, u dan la huwa stabbilit u lanqas allegat f'dan il-każ.

56 Fir-rigward tal-argument tal-appellanti u tal-azzjonista li l-azzjoni tal-BĊE hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-awtorità nazzjonali taġixxi fuq livell estern taħt l-istħarriġ tal-qrati nazzjonali, għandu jiġi rrilevat li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament MSU bażiku, li għalih tirreferi l-appellanti, l-unika ipoteżi li fiha l-BĊE għandu jitlob, permezz ta' istruzzjonijiet, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ, hija dik fejn dan ir-regolament ġustament ma jagħtix tali setgħat lill-BĊE.

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, li, skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament MSU bażiku, u bla ħsara għall-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, il-BĊE biss huwa kompetenti, abbażi tal-kompiti fdati lilu mill-imsemmi regolament, sabiex jawtorizza lill-istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u jirtira l-awtorizzazzjonijiet lill-imsemmija istituzzjonijiet.

58 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u bħala parzjalment inammissibbli.

*Fuq it-tielet parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

59 Permezz tat-tielet parti tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-BĊE huwa kompetenti biss, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament MSU bażiku u l-premessa 36 tiegħu, sabiex jadotta sanzjonijiet intiżi li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli, u mhux sanzjonijiet intiżi li jimplimentaw id-dritt nazzjonali li jittrasponi d-direttivi rilevanti.

60 Il-BĊE jikkontesta dan l-argument.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

61 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti ma tidentifikax bi preċiżjoni l-punti tal-motivi tas-sentenza appellata li huma kkontestati fil-kuntest ta' din it-tielet parti tat-tieni aggravju. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura jirriżulta li appell għandu, taħt piena ta' inammissibbiltà, jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba (sentenza tal-24 ta' Marzu 2022, GVN vs Il-Kummissjoni, C-666/20 P, EU:C:2022:225, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Konsegwentement, it-tielet parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq ir-raba' parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

63 Permezz tar-raba' parti tat-tieni aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli injorat, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, il-fatt li l-kompetenza tal-BĊE hija limitata għall-kompiti speċifiċi relatati mas-sorveljanza tal-attivitajiet bankarji fis-sens strett tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri tal-attivitajiet ta' depożitu u ta' kreditu eżerċitati simultanjament. Min-naħa l-oħra, il-maġġoranza kbira tal-attivitajiet suġġetti għal awtorizzazzjoni ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament MSU bażiku u, konsegwentement, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali.

64 Il-BĊE jiċħad dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

65 Għandu jiġi kkonstatat li l-argument ibbażat fuq l-allegata limitazzjoni tal-kompetenza tal-BĊE li, kif issostni l-appellanti fil-kuntest ta'din ir-raba' parti tat-tieni aggravju, kien ġie injorat mill-Qorti Ġenerali tressaq biss fl-istadju tal-appell. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li, fil-kuntest ta' appell, l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa limitat għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat lill-motivi u lill-argumenti li jkunu ġew iddibattuti quddiem l-ewwel qorti, parti ma tistax tqajjem argument, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija ma tkunx invokat quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, jekk l-appellanti jitħallew iqajmu għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja argumenti li huma ma qajmux quddiem il-Qorti Ġenerali, dan ikun ifisser li jiġu awtorizzati jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha fil-qasam tal-appell hija limitata, tilwima iktar estiża minn dik li tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Għaldaqstant, ir-raba' parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

67 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

***Fuq l-ewwel aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

68 Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, issostni, billi tirreferi għall-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni, li l-Qorti Ġenerali marret lil hinn mill-kompetenza tagħha u b'hekk kisret l-Artikolu 263 TFUE, sa fejn iddeċidiet kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Barra minn hekk, dan il-ksur tad-delimitazzjoni tal-kompetenzi wassal lill-Qorti Ġenerali tesponi motivazzjoni kontradittorja, peress li, minn naħa, hija kkunsidrat li l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjoni essenzjali tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni kkontestata, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur

tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li huwa suffiċjentement serju u li għadu rilevanti, kinitx issodisfatta kellha tiġi deċiża fuq livell nazzjonali, iżda li, min-naħa l-oħra, hija stess kienet iddeċidiet din il-kwistjoni, tal-inqas parzjalment.

69 Sussidjarjament, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat id-dritt nazzjonali. B'mod partikolari, fil-punti 45 sa 47 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali amalgamat id-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, pereżempju billi applikat b'analoġija prinċipji tad-dritt amministrattiv tal-Unjoni sabiex tiddetermina l-portata ta' deċiżjonijiet amministrattivi Awstrijaċi.

70 Min-naħa tagħha, l-azzjonista ssostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali adattat il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali u li, għaldaqstant, fil-kuntest tat-tilwim li jikkonċerna l-oqsma inkwistjoni f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiġi adita b'talba għal deċiżjoni preliminari. Issa, u kif jirriżulta mis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea (C-284/16, EU:C:2018:158), tali trasferiment ikun inkompatibbli mal-ġurisdizzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja kif iddefinita fl-Artikolu 267 TFUE u, konsegwentement, ma' element essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

71 L-azzjonista żżid, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta applikat direttament dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni bbażati fuq id-Direttiva CRD IV u meta ssostitwixxiet id-dritt Awstrijak li jittrasponi din id-direttiva bil-ġurisprudenza direttament applikabbli tal-qrati tal-Unjoni.

72 Il-BĊE jsostni li dan l-aggravju huwa inammissibbli fl-intier tiegħu u, fi kwalunkwe każ, infondat.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

73 Peress li, kif jirriżulta mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament MSU bażiku, għall-finijiet tat-twettiq tal-kompiti kkonferiti lilu minn dan ir-regolament, il-BĊE għandu japplika d-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tad-dritt tal-Unjoni u, meta dan jinkludi d-direttivi, id-dritt nazzjonali li jittrasponi dawn id-direttivi, l-appellanti ma tistax tikkontesta b'mod validu l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Versobank vs BĊE, C-803/21 P, EU:C:2023:630, punti 138 sa 142).

74 Barra minn hekk, l-appellanti baqgħet ma stabbilixxietx li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija kontradittorja, peress li hija ma tidentifikax il-punti tas-sentenza li fihom il-Qorti Ġenerali allegatament ikkonstatat il-ksur tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li hija akkużata bihom.

75 Fir-rigward tal-argument imqajjem sussidjarjament mill-appellanti, dwar applikazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali, għandu jiġi kkonstatat, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-appellanti ma tispeċifikax kif il-prinċipji applikati mill-Qorti Ġenerali huma differenti mir-regoli amministrattivi Awstrijaċi, b'mod partikolari kif l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tkun twassal għal konsegwenzi differenti minn dawk imsemmija mill-Qorti Ġenerali, u, għaldaqstant, liema żbalji l-Qorti Ġenerali wettqet f'dan ir-rigward.

76 Fir-rigward tas-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea (C-284/16, EU:C:2018:158), invokata mill-azzjonista, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dik is-sentenza li t-tribunali ta' arbitraġġ *ad hoc* ma għandhomx rabtiet suffiċjenti mas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri u, għalhekk, ma jistgħux jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari bis-saħħa tal-Artikolu 267 TFUE. Għaldaqstant, dan ma huwiex rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża.

77 Fir-rigward tal-argument imqajjem mill-azzjonista, ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta applikat direttament dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni bbażati fuq id-Direttiva CRD IV u meta ssostitwixxiet id-dritt Awstrijak li jittrasponi din id-direttiva bil-ġurisprudenza direttament applikabbli tal-qrati tal-Unjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza li jinsabu fil-punt 61 ta' din is-sentenza, l-appellanti ma tidentifikax bi preċiżjoni l-punti kkritikati tas-sentenza appellata kkonċernati minn dan l-argument. Għalhekk, l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

78 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

***Fuq it-tielet aggravju***

*Fuq l-ewwel parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

79 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, issostni li l-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat il-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG, peress li kkonstatat, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, li ma kienx neċessarju li tistenna li d-deċiżjonijiet nazzjonali kkonċernati jsiru definittivi qabel ma tikkonstata li l-kundizzjonijiet għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni kienu ssodisfatti.

80 Barra minn hekk, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li tat interpretazzjoni radikali tad-dritt nazzjonali, peress li ma sabitx problema bl-eżistenza ta' żewġ deċiżjonijiet separati li jittrattaw l-istess ksur, jiġifieri deċiżjoni nazzjonali, li kkonstatat dan il-ksur, u deċiżjoni tal-BĊE, li ssanzjonatu billi rtirat l-awtorizzazzjoni. Fil-fatt, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jista' jkun biss ir-riżultat ta' deċiżjoni unika, li jkollha tiġi adottata mill-FMA.

81 Barra minn hekk, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, issostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 70(4) tal-BWG, li ġie magħmul applikabbli espressament mill-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG.

82 Il-BĊE jikkontesta dawn l-argumenti kollha kemm huma.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

83 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 44 tas-sentenza appellata, interpretat u applikat b'mod żbaljat il-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG, għandu jiġi rrilevat li dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali sempliċement wieġbet għall-argument tal-appellanti li l-istituzzjoni ta' kreditu kellha

tkun ġiet iddikjarata responsabbli għal ksur f'deċiżjoni ġudizzjarja reċenti u li għandha awtorità ta' *res judicata*. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset li, fl-ipoteżi fejn il-konstatazzjoni u s-sanzjoni tal-ksur tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' awtorità amministrattiva, il-fatt li jintlaqa' l-argument tal-appellanti jkun ifisser li l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(3) u tal-Artikolu 34(2) u (3) tal-FM-GwG tkun tiddependi fuq l-għażla tal-istituzzjoni kkonċernata li tappellax id-deċiżjonijiet ta' din l-awtorità jew le. Għaldaqstant, l-ilment imqajjem mill-appellanti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

84 Fir-rigward tal-kritika kontra l-punt 61 tas-sentenza appellata, sa fejn il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, bi ksur tal-Artikolu 70(4) tal-BWG, fuq ksur preċedenti u ddeċidiet li ma kienx neċessarju li jintwera li twettaq ksur ġdid meta, skont din id-dispożizzjoni, għandu jiġi kkonstatat ksur f'kull livell ta' trattament, għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali żnaturatx din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali.

85 Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li, fir-rigward ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biss, fil-kuntest tal-appell, li tivverifika jekk kienx hemm żnaturament ta' dan id-dritt, li għandu jidher b'mod manifest mill-atti tal-proċess (sentenza tal-15 ta' Settembru 2022, PNB Banka vs BĊE, C-326/21 P, EU:C:2022:693, punt 71).

86 B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-eżami, fil-kuntest ta' appell, tal-konstatazzjonijiet li l-Qorti Ġenerali għamlet fir-rigward tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex teżamina, l-ewwel nett, jekk il-Qorti Ġenerali, abbażi tad-dokumenti u tal-atti l-oħra li ġew ippreżentati quddiemha, żnaturatx il-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jew il-ġurisprudenza nazzjonali relatata magħhom jew inkella d-duttrina legali li tittrattahom, it-tieni nett, jekk il-Qorti Ġenerali għamlitx, fid-dawl ta' dawn l-elementi, konstatazzjonijiet li jmorru manifestament kontra l-kontenut tagħhom u, fl-aħħar nett, jekk il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżami tal-elementi kollha, tatx lil wieħed minn dawn l-elementi, sabiex tikkonstata l-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, portata li ma tixraqlux meta mqabbel mal-elementi l-oħra, sa fejn dan jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess (sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, Edwin vs UASI, C-263/09 P, EU:C:2011:452, punt 53).

87 Issa, għalkemm l-appellanti u l-azzjonista jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' interpretazzjoni tal-Artikolu 70(4) tal-BWG, huma ma jurux kif din id-dispożizzjoni kienet ġiet żnaturata.

88 Għaldaqstant, huwa mingħajr ma wettqet tali żnaturament li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, li l-pożizzjoni sostnuta mill-appellanti li ċerti nuqqasijiet ikkonstatati kienu ġew ikkoreġuti u ma setgħux iktar jiġġustifikaw irtirar ta' awtorizzazzjoni tqiegħed inkwistjoni l-għan ta' salvagwardja tas-sistema bankarja Ewropea sa fejn din tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu wettqu ksur serju jkomplu l-attivitajiet tagħhom sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jurux mill-ġdid li huma wettqu ksur ġdid.

89 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq it-tieni parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

90 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tad-deċiżjonijiet nazzjonali.

91 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li kien neċessarju li deċiżjoni li tikkonstata nuqqas illegali u li hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju tingħata fuq livell nazzjonali, mingħajr madankollu ma semmiet xi deċiżjoni ta' din in-natura, li, fi kwalunkwe każ, ma teżistix fid-dritt Awstrijak.

92 Fir-rigward tal-ħdax-il miżura elenkati fil-punt 26 tas-sentenza appellata, dawn ma jistgħux iservu bħala bażi għall-irtirar ta' awtorizzazzjoni, jew minħabba, għal uħud minnhom, in-natura mhux vinkolanti jew provviżorja tagħhom u l-impossibbiltà ta' stħarriġ mill-qorti, jew minħabba, għal oħrajn, il-fatt li diġà kien hemm deċiżjoni mogħtija minn qorti amministrattiva nazzjonali, li jipprekludi li tkun tista' tittieħed miżura iktar stretta minn dik prevista f'dik id-deċiżjoni.

93 Il-BĊE jiċħad dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

94 L-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qieset li kien neċessarju li tingħata deċiżjoni li tikkonstata nuqqas illegali u li hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju fuq livell nazzjonali. Filwaqt li tirreferi għall-punt 26 tas-sentenza appellata, hija tirrileva li l-atti msemmija f'dak il-punt ma kellhomx in-natura ta' deċiżjoni. Issa, il-Qorti Ġenerali sempliċement semmiet dawn l-atti kif ġew iċċitati mill-BĊE insostenn tat-talbiet tiegħu, mingħajr ma wettqet evalwazzjoni tan-natura tagħhom. B'dan il-mod, l-appellanti baqgħet ma identifikatx l-iżball ta' liġi li wettqet il-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward.

95 Konsegwentement, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq it-tielet parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

96 Permezz tat-tielet parti tat-tielet aggravju, l-appellanti tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li, fil-punt 46 tas-sentenza appellata, iddeduċiet mill-ġurisprudenza dwar l-atti tal-korpi tal-Unjoni li d-deċiżjonijiet li ma humiex ikkontestati mid-destinatarji tagħhom fit-terminu previst isiru definittivi fir-rigward ta' dawn tal-aħħar u li, fil-punt 47 ta' dik is-sentenza, qieset li din il-ġurisprudenza tapplika, b'analoġija, għad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali.

97 Il-BĊE jitlob li din il-parti tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

98 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 46 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza tagħha li skontha l-ħtija ta' persuna akkużata bi ksur tista' titqies li hija definittivament stabbilita meta d-deċiżjoni li tikkonstata dan il-ksur tkun saret definittiva. Issa, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tagħha, l-appellanti ma turix kif dan il-prinċipju jikkontradixxi d-dritt Awstrijak applikabbli.

99 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq ir-raba' parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

100 Permezz tar-raba' parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball, fil-punti 149 u 150 tas-sentenza appellata, meta attribwixxiet lid-deċiżjonijiet amministrattivi Awstrijaċi ċertu numru ta' konsegwenzi li la d-dritt Awstrijak u lanqas id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedu. L-appellanti tirreferi għall-allegati konsegwenzi li ġejjin, jiġifieri n-nuqqasijiet imsemmija fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet għandhom jitqiesu li ġew stabbiliti b'mod definittiv; il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-motivazzjoni konklużivament jistabbilixxu li l-allegati nuqqasijiet huma serji biżżejjed ukoll sabiex jiġġustifikaw l-irtirar sussegwenti ta' awtorizzazzjoni, minkejja l-fatt li, għall-kuntrarju, dawn japplikaw, l-iktar l-iktar, konsegwenza legali inqas stretta; ir-rilevanza tal-allegat ksur għall-għanijiet ta' rtirar sussegwenti ta' awtorizzazzjoni hija stabbilita definittivament *ex ante*, u prova kuntrarja, intiża li turi li l-ksur ma seħħx, hija eskluża.

101 Il-BĊE jiċħad dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

102 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li r-raba' parti tat-tielet aggravju, li hija espliċitament diretta biss kontra l-punti 149 u 150 tas-sentenza appellata, ma hija sostnuta minn ebda argument iddettaljat dwar l-elementi kollha invokati fil-kuntest ta' din il-parti.

103 Sa fejn l-appellanti ssostni, billi tirreferi għal dawn il-punti 149 u 150 tas-sentenza appellata, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta attribwixxiet lid-deċiżjonijiet nazzjonali l-effett li tiġi eskluża l-prova kuntrarja, għandu jitqies, bħalma jagħmel il-BĊE, li tali lment jirriżulta minn żnaturament tas-sentenza appellata.

104 Fil-fatt, f'dawn l-istess punti, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-provi, ikkonstatat li rapporti ta' verifika interni ta' bank ma jistgħux jikkostitwixxu prova kuntrarja sufficjenti sabiex jiġu kkontestati l-konstatazzjonijiet li jinsabu f'deċiżjonijiet amministrattivi nazzjonali li saru definittivi.

105 F'dan ir-rigward ukoll, l-appellanti la allegat u lanqas stabbilixxiet li l-evalwazzjoni tal-provi mill-Qorti Ġenerali kienet ivvizzjata bi żnaturament.

106 Konsegwentement, ir-raba' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq il-ħames parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

107 Permezz tal-ħames parti tat-tielet aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni la n-neċessità tal-eżistenza ta' ksur speċifiku li jaqa' taħt il-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG, u lanqas in-neċessità li dan il-ksur ikun ta' natura illegali. Fil-fatt, fil-fehma tal-appellanti, sempliċi konstatazzjonijiet tal-eżistenza ta' nuqqasijiet u ta' stediniet sabiex dawn jiġu rrimedjati ma jippermettux li jiġi ddeterminat jekk dawn in-nuqqasijiet ġewx ippreċeduti minn nuqqasijiet illegali.

108 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li huwa minnu li ġiet mitluba tirrimedja s-sitwazzjoni taħt piena ta' impożizzjoni ta' multi, iżda li dawn il-multi ma kinux ġew imposti. Dan il-fatt juri li, fir-rigward tal-proċeduri mmexxija fuq livell nazzjonali, ma kienx hemm lok li jiġu applikati sanzjonijiet oħra, bħal irtirar ta' awtorizzazzjoni.

109 Il-BĊE jikkontesta dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

110 Għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-ħames parti tat-tielet aggravju, l-ilmenti mressqa mill-appellanti ma jippermettux li jiġu identifikati l-motivi tas-sentenza appellata li hija tikkontesta. Minn dan isegwi, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 61 ta' din is-sentenza, li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq is-sitt parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

111 Permezz tas-sitt parti tat-tielet aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali dwar l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet li jevalwaw is-sitwazzjoni b'mod globali. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji kollha fuq livell nazzjonali u tevalwa l-kontenut tagħhom. Fost dawn id-deċiżjonijiet hemm, b'mod partikolari, is-sentenzi li permezz tagħhom il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) ċaħdet diversi drabi t-tentattiv tal-FMA li tissostitwixxi parzjalment it-tmexxija tal-appellanti. Issa, il-konstatazzjoni, minn dik il-qorti, tal-illegalità ta' tali tentattivi timplika li miżura iktar stretta, f'dan il-każ l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, iġġustifikata fuq l-istess bażi hija wkoll illegali. Id-deċiżjonijiet imsemmija mill-Qorti Ġenerali jittrattaw, għall-kuntrarju, suġġetti speċifiċi ħafna u li huma storiċi.

112 Il-BĊE jitlob l-inammissibbiltà ta' din il-parti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

113 Għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li l-appellanti ma tindikax il-punti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata li hija għandha l-intenzjoni tikkontesta permezz tal-ilmenti tagħha. Bl-istess mod, l-argumenti tal-appellanti u tal-azzjonista ma jippermettux li jiġi identifikat liema huwa preċiżament l-iżball ta' liġi allegat fil-konfront tal-Qorti Ġenerali.

114 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' din il-parti, l-appellanti u l-azzjonista jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Qorti Ġenerali ma tatx l-importanza li huma jattribwixxu lil ċerti fatti, huma jitolbu fir-realtà lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida ta' dawn il-fatti fl-istadju tal-appell mingħajr ma jallegaw żnaturament tal-provi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza sabiex tistabbilixxi l-fatti jew teżamina l-provi, ħlief fil-każ fejn l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u li tali żnaturament jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Deutsche Post, C-399/08 P, EU:C:2010:481, punti 63 u 64). Barra minn hekk, il-parti li tinvoka żnaturament għandha tindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u turi l-iżbalji fl-analiżi li, fil-fehma ta' din il-parti, wasslu għal tali żnaturament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2022, Il-Kummissjoni vs Valencia Club de Fútbol, C-211/20 P, EU:C:2022:862, punt 55).

115 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sitt parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli fl-intier tagħha.

*Fuq is-seba' parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

116 Permezz tas-seba' parti tat-tielet aggravju, l-appellanti ssostni, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-Artikolu 67(1)(o) tad-Direttiva CRD IV jippreżumi li twettaq ksur serju. Il-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG għandu wkoll jiġi interpretat f'dan is-sens. Issa, ma twettaq l-ebda ksur ta' din in-natura.

117 Sussegwentement, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza li hija stess iċċitat fil-punt 49 tas-sentenza appellata, jiġifieri s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Frar 2012, Costa u Cifone (C-72/10 u C-77/10, EU:C:2012:80, punt 81), meta ddeċidiet li, fir-rigward tal-osservanza mill-banek tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, għandhom jiġu applikati rekwiżiti iktar stretti minn dawk applikati għall-operaturi tal-logħob tal-ażżard. Fil-fatt, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali twassal sabiex jiġi kkunsidrat li l-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard għandha iktar importanza mill-ġestjoni ta' bank.

118 Fl-aħħar nett, l-appellanti ssostni li ma hemm l-ebda raġuni sabiex id-dritt sostantiv Awstrijak jiġi interpretat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

119 Il-BĊE jirribatti li din il-parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

120 Fir-rigward, qabelxejn, tal-ilment tal-appellanti bbażat fuq il-ksur mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 67(1)(o) tad-Direttiva CRD IV, għandu jiġi rrilevat li din tonqos kemm milli tidentifika l-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata kif ukoll milli timmotiva l-ilment tagħha. Fi kwalunkwe każ, l-appellanti tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti, filwaqt li, ħlief fil-każ fejn appellant jinvoka żnaturament tal-fatti, li ma huwiex il-każ hawnhekk, l-argumenti dwar il-fatti li hija tqajjem għandhom jitqiesu li huma inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 98).

121 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tal-appellanti li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 49 tas-sentenza appellata twassal sabiex jiġi kkunsidrat li l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard għandha iktar importanza mill-ġestjoni ta' bank, dan l-argument huwa impreċiż wisq sabiex jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tifhem fiex jikkonsisti l-iżball ta' liġi li, fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet f'dan ir-rigward. Minn dan isegwi li l-imsemmi argument għandu wkoll jiġi miċħud bħala inammissibbli.

122 Fl-aħħar nett, sa fejn l-appellanti ssostni li ma hemmx raġuni għalfejn id-dritt sostantiv Awstrijak jiġi interpretat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, għal darba oħra, l-argument tal-appellanti ma jippermettix li jinftiehem fiex jikkonsisti l-iżball ta' liġi allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali.

123 Konsegwentement, is-seba' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq it-tmien parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

124 Permezz tat-tmien parti tat-tielet aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali, billi tirreferi għall-punt 158 tas-sentenza appellata, għal eżami insuffiċjenti tal-motiv ibbażat fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-applikabbiltà tal-Artikolu 70(4) tal-BWG.

125 Il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li, anki fil-każ ta' nuqqas suffiċjentement serju, huwa neċessarju li l-kundizzjonijiet previsti f'din id-dispożizzjoni nazzjonali jkunu ssodisfatti, fosthom l-obbligu li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' nuqqas speċifiku għad-data tad-deċiżjoni u f'kull wieħed mit-tliet livelli ta' trattament preskritti. F'dan ir-rigward, l-appellanti tindika li l-imsemmija dispożizzjoni teżiġi espressament, fl-ewwel livell ta' trattament, li jiġi ordnat li tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni taħt piena ta' multa (miżura li, f'dan il-każ, ma ttiħditx), fit-tieni livell, li tiġi ordnata s-sostituzzjoni tat-tmexxija u, fit-tielet livell, bil-kundizzjoni li l-miżuri l-oħra kienu ddestinati li jfallu, li jiġi ordnat l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

126 Issa, il-Qorti Ġenerali adottat, fil-punti 61 u 62 tas-sentenza appellata, approċċ oppost għal dak li jirriżulta mill-Artikolu 70(4) tal-BWG, peress li hija bbażat ruħha, għall-finijiet tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, fuq ksur preċedenti li ma kienx jeħtieġ irtirar tal-awtorizzazzjoni.

127 Barra minn hekk, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, issostni li l-Qorti Ġenerali assumiet id-dritt li tipproċedi, permezz ta' ħolqien ġuridiku, għal "tibdil fundamentali tad-dritt Awstrijak", li jmur kontra l-osservanza tal-Istat tad-dritt. Fil-fatt, ir-Regolament MSU bażiku ma jawtorizzax lill-Qorti Ġenerali tibdel il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-superviżjoni prudenzjali, ħlief bi ksur tal-Artikolu 127(6) TFUE.

128 Il-BĊE jsostni li din il-parti tat-tielet aggravju hija inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

129 Kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 122 sa 125 tal-konklużjonijiet tagħha, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tat-tmien parti tat-tielet aggravju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mistiedna twettaq evalwazzjoni ġdida tal-konstatazzjonijiet tal-fatti fir-rigward, b'mod partikolari, tal-evalwazzjoni tal-miżuri meħuda mill-appellanti sabiex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet u d-diversi deċiżjonijiet adottati mill-FMA fil-kuntest tal-kompitu tagħha ta' sorveljanza.

130 Għalhekk, u filwaqt li l-ebda żnaturament tal-fatti ma huwa invokat, dawn l-argumenti huma inammissibbli.

131 Fir-rigward tal-argumenti l-oħra mqajma mill-appellanti fil-kuntest ta' din it-tmien parti tat-tielet aggravju, din la tindika l-punti kkonċernati tas-sentenza appellata u lanqas ma tippreċiża n-natura tal-allegat żball tal-Qorti Ġenerali, lil hinn minn riferiment ġenerali għal kunsiderazzjonijiet ta' politika ġuridika u għall-Istat tad-dritt.

132 Konsegwentement, it-tmien parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq id-disa' parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

133 L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball, fil-punti 105 *et seq.* tas-sentenza appellata, fl-interpretazzjoni tagħha tar-relazzjoni bejn il-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG u l-Artikolu 70(4) tal-BWG. B'mod partikolari, l-appellanti ssostni li l-BĊE bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 70(4) tal-BWG, filwaqt li s-setgħa sabiex jiġu ssanzjonati attivitajiet kuntrarji għar-regoli dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu hija rregolata biss mill-FM-GwG, li l-Artikolu 70(4) tal-BWG ma tagħmilx riferiment għaliha.

134 F'dan ir-rigward, l-appellanti ssostni li huwa irrilevanti l-fatt li l-BWG tittratta, b'mod marġinali, kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, li hija ħaġa li l-Qorti Ġenerali injorat fil-punt 106 tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, ir-riferiment, fl-imsemmi punt 106, għall-Artikolu 39(2) u (2b) tal-BWG huwa ineffettiv, peress li din id-dispożizzjoni ma tbiddel xejn mill-fatt li l-Artikolu 70(4) tal-BWG ma jsemmix il-FM-GwG.

135 L-appellanti żżid li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat id-Deċiżjoni kontenzjuża fis-sens li hija bbażata fuq allegat ksur fil-passat fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 31(3) tal-FM-GwG, u mhux fuq ksur attwali tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni. Hija tippreċiża li hija tirrileva dan l-iżball biss għall-finijiet ta' kompletezza.

136 Il-BĊE jqis li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

137 Fir-rigward tal-argumenti tal-appellanti dwar il-bażi legali allegatament żbaljata li fuqha hija bbażata d-Deċiżjoni kontenzjuża, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 105 sa 107 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, essenzjalment, iddeċidiet li ma jistax jitqies li l-uniċi regoli li jipprevedu l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għal ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fid-dritt Awstrijak huma d-dispożizzjonijiet magħquda tal-punt 2 tal-Artikolu 31(3) u tal-Artikolu 34(2) u (3) tal-FM-GwG. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-Artikolu 39(2) u (2b) tal-BWG jirreferi espressament għar-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu u li mill-Artikolu 70(4) ta' din il-liġi jirriżulta li ksur tal-BWG jista' jiġġustifika rtirar tal-awtorizzazzjoni.

138 Fil-punt 108 tas-sentenza appellata, li ma huwiex ikkontestat fil-kuntest ta' dan l-appell, il-Qorti Ġenerali fakkret li, anki jekk jitqies li l-BĊE bbaża ruħu fuq bażi legali żbaljata, l-annullament ta' deċiżjoni amministrattiva minħabba bażi legali żbaljata ma huwiex iġġustifikat meta tali żball ma kellux influwenza determinanti fuq l-evalwazzjoni magħmula mill-amministrazzjoni.

139 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 109 tas-sentenza appellata, li lanqas ma huwa s-suġġett ta' dan l-appell, l-appellanti ma allegatx, quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-għażla ta' bażi legali differenti seta' jkollha influwenza fuq l-evalwazzjoni tal-BĊE.

140 Il-punti 108 u 109 tas-sentenza appellata huma għalhekk suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, anki fil-każ li l-BĊE jkun ibbaża ruħu fuq bażi legali żbaljata.

141 Għaldaqstant, l-ilmenti tal-appellanti dwar il-punti 105 sa 107 tas-sentenza appellata għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi, sa fejn l-aċċettazzjoni possibbli tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx twassal għall-annullament ta' dik is-sentenza.

142 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-disa' parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

143 Minn dan isegwi li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

***Fuq ir-raba' aggravju***

*Fuq l-ewwel parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

144 Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet, fil-punti 132 *et seq.* tas-sentenza appellata, żball ta' liġi sa fejn iddeċidiet li ksur imwettaq tliet jew ħames snin qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża u li fil-frattemp ġie rrimedjat kien suffiċjenti sabiex jiġġustifika din id-deċiżjoni.

145 Il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni ċertu ksur, bħal dak li jirrigwarda l-obbligi relatati maż-żamma, mal-kontroll u mad-depożitu tal-kontijiet, mal-governanza, mal-ġestjoni tar-riskju, mas-sistema ta' dokumentazzjoni interna u kuntrattwali kif ukoll mal-ġestjoni tal-fajls ta' kreditu.

146 Il-BĊE jqis li din il-parti hija inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

147 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni jirriżulta li l-Qorti Ġenerali hija l-unika li għandha l-kompetenza, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Minn dan isegwi li l-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-25 ta' April 2024, NS vs Il-Parlament, C-218/23 P, EU:C:2024:358, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

148 F'dan il-każ, sa fejn l-appellanti tikkontesta l-evalwazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali u tfittex li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr madankollu ma tallega żnaturament tagħhom mill-Qorti Ġenerali, din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq it-tieni parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

149 Permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli wettqet, fil-punti 138 u 139 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi meta kkonstatat li ma huwiex neċessarju li l-ksur ikun serju sabiex jiġġustifika rtirar ta' awtorizzazzjoni. Tali konstatazzjoni tinjora n-natura ta' tali miżura kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

150 Il-BĊE jiċħad l-argumenti tal-appellanti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

151 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 67(1)(d) tad-Direttiva CRD IV, li għalih jirreferi l-Artikolu 18(f) ta' din id-direttiva, dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni, u li għalih isir riferiment fil-punti 138 u 139 tas-sentenza appellata, jipprovdi li dan l-Artikolu 67 japplika f'tal-inqas waħda miċ-ċirkustanzi li huwa jistabbilixxi, bħal dik li fiha istituzzjoni ma stabbilixxietx l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tal-imsemmija direttiva. Minn dan jirriżulta li l-imsemmi Artikolu 67 ma jsemmix speċifikament it-twettiq ta' reati "serji".

152 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li ddeċidiet li l-BĊE ma wettaqx żball manifest ta’ evalwazzjoni meta qieset li l-appellanti kienet kisret id-dispożizzjonijiet tal-BWG li jittrasponu l-Artikolu 74 tal-istess direttiva mingħajr ma stabbilixxiet li dan il-ksur kien serju, flagranti jew sistemiku.

153 Barra minn hekk, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 138 u 139 tas-sentenza appellata la jinjoraw in-natura ta’ miżura ta’ rtirar ta’ awtorizzazzjoni u lanqas il-prinċipju ta’ proporzjonalità. Fil-fatt, la l-Artikolu 67(1)(d) tad-Direttiva CRD IV, li għalih jirreferi l-Artikolu 18(f) ta’ din id-direttiva, u lanqas il-prinċipju ta’ proporzjonalità ma jipprekludu li numru kbir ta’ ksur repetut tar-regoli ta’ governanza korporattiva regolari jista’, bħala prinċipju, iwassal sabiex l-irtirar tal-awtorizzazzjoni jitqies li huwa miżura xierqa.

154 Konsegwentement, it-tieni parti tar-raba’ aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq it-tielet parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

155 Permezz tat-tielet parti tar-raba’ aggravju, l-appellanti tallega li, billi rrifjutat li teżamina l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-verifika interna tal-appellanti kienet suffiċjenti għar-raġuni li l-FMA kienet, fil-passat, ikkonstatat li dan ma kienx il-każ u li d-deċiżjonijiet tal-FMA kienu saru definittivi, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 140 *et seq.* tas-sentenza appellata, kisret il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, EU:C:2018:1023).

156 Il-BĊE jiċħad l-argument tal-appellanti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

157 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 59 tas-sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, EU:C:2018:1023), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 263 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-qrati nazzjonali milli jeżerċitaw stħarriġ tal-legalità fuq l-atti ta’ ftuħ, preparatorji jew ta’ proposta mhux vinkolanti adottati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva CRD IV, fl-Artikolu 4(1)(c) u fl-Artikolu 15 tar-Regolament MSU bażiku kif ukoll fl-Artikoli 85 sa 87 tar-Regolament Qafas MSU.

158 Issa, peress li d-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-FMA kkonstatat in-natura mhux xierqa tal-mekkaniżmu ta’ verifika interna tal-appellanti ma jikkostitwixxux tali atti ta’ ftuħ jew preparatorji fid-dawl ta’ rtirar ta’ awtorizzazzjoni, u peress li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 145 u 146 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni tal-FMA dwar l-assenza ta’ implimentazzjoni mill-appellanti tal-arranġamenti ta’ governanza meħtieġa kienet ta’ natura definittiva, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest (C-219/17, EU:C:2018:1023), hija irrilevanti.

159 Konsegwentement, it-tielet parti tar-raba’ aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

*Fuq ir-raba' parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

160 Permezz tar-raba' parti tar-raba' aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat id-dokumenti elenkati fil-punt 122 tas-sentenza appellata fir-rigward tan-natura ġuridika, tan-natura kontestabbli jew tan-natura possibbilment definittiva tal-miżuri elenkati fihom, u ma analizzatx it-tliet livelli ta' konsegwenzi li huma preskritti fl-Artikolu 70(4) tal-BWG. B'hekk hija wettqet l-istess żbalji bħal dawk li jaffettwaw il-punt 26 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-miżuri msemmija fih.

161 L-azzjonista ssostni wkoll li l-ebda waħda mill-miżuri elenkati fil-punt 122 tas-sentenza appellata ma kienet ta' natura li tiġġustifika rtirar ta' awtorizzazzjoni.

162 Il-BĊE jsostni li dawn l-argumenti ma jistgħux jirnexxu.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

163 Qabel kollox għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 122 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement elenkat id-diversi ordnijiet formali indirizzati mill-FMA lill-appellanti, li l-BĊE bbaża ruħu fuqhom sabiex jikkonstata l-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 74 tad-Direttiva CRD IV, mingħajr ma għamlet ebda evalwazzjoni f'dan ir-rigward. L-istess jgħodd għall-atti msemmija fil-punt 26 ta' dik is-sentenza.

164 Konsegwentement, ir-raba' parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

165 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

***Fuq il-ħames aggravju***

*Fuq l-ewwel parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

166 Permezz tal-ewwel parti tal-ħames aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tikkritika lill-Qorti Ġenerali, billi ssemmi l-punti 163 *et seq.* tas-sentenza appellata, b'nuqqas ta' eżami tal-motiv tagħha bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll b'nuqqas ta' eżami tal-Artikolu 70(4) tal-BWG. L-irtirar tal-awtorizzazzjoni wassal, skont l-appellanti, għal riżultat inqas effikaċi f'termini tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-kontroll f'dan ir-rigward.

167 L-azzjonista żżid li l-ħames aggravju, ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ddedikati għall-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa marbut mill-qrib mat-trattament insuffiċjenti tal-Artikolu 70(4) tal-BWG, li jikkonkretizza dan il-prinċipju. F'dan ir-rigward, kien neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li t-tentattivi li tiġi ordnata miżura inqas stretta kienu miċħuda mill-qrati nazzjonali.

168 Il-BĊE jitlob li din il-parti tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

169 Għandu jiġi rrilevat li l-argumenti invokati fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ħames aggravju diġà tqajmu fil-kuntest tat-tmien parti tat-tielet aggravju. Għalhekk, u għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 129 sa 131 ta' din is-sentenza, l-ewwel parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

*Fuq it-tieni parti*

– *L-argumenti tal-partijiet*

170 Permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju, l-appellanti ssostni li, billi adotta d-Deċiżjoni kontenzjuża, il-BĊE rrendi lill-FM-GwG inapplikabbli, filwaqt li dan it-test kien jibqa' vinkolanti għall-appellanti li kieku hija għażlet li tipproċedi minflok għal stralċ volontarju.

171 Il-BĊE jitlob l-inammissibbiltà ta' din it-tieni parti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

172 Għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti tirrepeti l-motiv invokat insostenn tar-rikors fl-ewwel istanza, mingħajr ma tidentifika żball ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament wettqet fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha.

173 Barra minn hekk, l-appellanti ma tikkontestax il-punti 189 sa 192 tas-sentenza appellata, li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkonstatat li s-soluzzjoni tal-istralċ volontarju ma kinitx tikkostitwixxi miżura iktar adattata minn irtirar ta' awtorizzazzjoni.

174 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tal-ħames aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

175 Minn dan isegwi li l-ħames aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu bħala inammissibbli.

***Fuq is-sitt aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

176 Permezz tas-sitt aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ċaħdet b'mod żbaljat l-argumenti tagħha mressqa fil-kuntest tar-raba' motiv tar-rikors tagħha fl-ewwel istanza, li permezz tiegħu hija invokat ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

177 Hija ssostni, f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji, b'mod partikolari fir-rigward tal-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl kif ukoll tal-ksur tal-obbligu li jiġu ddeterminati ċ-ċirkustanzi rilevanti, invokati mill-appellanti, u ċaħdet b'mod żbaljat l-ilmenti mqajma f'dan il-kuntest minħabba li l-appellanti kellha l-okkażjoni tikkontesta quddiem qorti, fuq livell nazzjonali, id-deċiżjoni li tikkonstata nuqqasijiet u li hija ma kinitx għamlet użu minn din il-possibbiltà.

178 L-azzjonista żżid li dan l-aggravju huwa marbut mill-qrib ma' żbalji oħra mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

179 Il-BĊE jitlob li l-imsemmi aggravju jiġi miċħud.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

180 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li l-argument imressaq mill-appellanti jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata.

181 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 245 sa 248 tas-sentenza appellata, li l-BĊE ma kienx obbligat jiżvela lill-appellanti l-parti kunfidenzjali tal-fajl. Insostenn ta' din il-konstatazzjoni, hija invokat, fil-punt 241 ta' dik is-sentenza, l-Artikolu 32(1) u (5) tar-Regolament Qafas MSU, li skontu l-informazzjoni kunfidenzjali, bħall-korrispondenza bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ma hijiex koperta mid-dritt ta' aċċess għall-atti tal-proċess.

182 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 244 u 245 tas-sentenza appellata, ċaħdet l-ilmenti invokati minħabba li l-irtirar ta' awtorizzazzjoni kien ibbażat fuq deċiżjonijiet tal-FMA u sentenzi tal-qrati Awstrijaċi li jikkonstataw l-eżistenza ta' ksur jew it-twettiq ta' ksur u li l-appellanti kienet destinatarja ta' dawn id-deċiżjonijiet amministrattivi jew parti mill-proċeduri ġudizzjarji kkonċernati, b'tali mod li hija ma setgħetx tallega li ġiet prekluża milli tivverifika r-rilevanza materjali tad-dokumenti jew milli tidentifika l-allegazzjonijiet imqajma mill-BĊE u mill-FMA li kienu bbażati fuq dawn id-deċiżjonijiet jew fuq dawn is-sentenzi.

183 Fir-rigward tad-determinazzjoni taċ-ċirkustanzi rilevanti mill-BĊE, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali analizzat dan l-obbligu b'mod iddettaljat fil-punti 251 sa 273 tas-sentenza appellata, li ma humiex ikkontestati mill-appellanti fil-kuntest ta' dan l-appell.

184 Fl-aħħar nett, l-argument tal-azzjonista ma jippermettix, minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni tiegħu, li jiġi identifikat l-iżball ta' liġi hekk allegat.

185 Minn dan isegwi li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

***Fuq is-seba' aggravju***

*L-argumenti tal-partijiet*

186 Permezz tas-seba' aggravju, l-appellanti, sostnuta mill-azzjonista, tinvoka l-irregolaritajiet proċedurali mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

187 Hija ssostni, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali kellha, preliminarjament, tinformaha dwar il-pożizzjoni li fuqha hija bbażat ruħha fis-sentenza appellata, jiġifieri li l-motivazzjonijiet tad-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji preċedenti kellhom effett vinkolanti wkoll f'dak li jirrigwarda l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

188 Sussegwentement, l-appellanti kif ukoll l-azzjonista jsostnu li l-Qorti Ġenerali qatt ma indikat li hija kienet bidlet l-approċċ espress fil-kuntest tal-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tas-27 ta' April 2021, li huwa approċċ li skontu rtirar ta' awtorizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus kien jippreżumi li twettqu reati serji fis-sens tal-Artikolu 3(4)(f) tad-Direttiva 2015/849.

189 Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li t-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li hija ressqet fit-8 ta' April 2021 ġiet miċħuda minħabba l-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet qieset f'dak il-mument li, fl-assenza ta' ksur serju, il-kundizzjonijiet għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni ma kinux issodisfatti. Il-pożizzjoni meħuda mill-Qorti Ġenerali twassal, b'mod definittiv, sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jippreżentaw liberament noti u dokumenti addizzjonali.

190 Fl-aħħar nett, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-fatti fid-dettall minkejja li kellha tirreferi għal nuqqasijiet konkreti suffiċjentement serji, u hija żżid li dan in-nuqqas huwa rifless, barra minn hekk, f'nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata.

191 Il-BĊE jitlob li s-seba' aggravju jiġi miċħud.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

192 Fir-rigward, qabelxejn, tal-argumenti tal-appellanti bbażati fuq il-fatt li kellha tingħatalha l-opportunità li tieħu pożizzjoni dwar l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali li l-motivazzjonijiet tad-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji kellhom effett vinkolanti wkoll f'dak li jirrigwarda l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti ma tidentifikax u ma tippermettix li jiġu identifikati l-punti tas-sentenza appellata kkonċernati minn dawn l-argumenti, b'tali mod li l-ilment tagħha, li barra minn hekk huwa diffiċli li tinftiehem il-portata tiegħu, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

193 Lanqas ma jista' jintlaqa' l-argument tal-appellanti, sostnut mill-azzjonista, li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma informathiex li huwa kien biddel l-opinjoni tiegħu inizjalment espressa f'mistoqsijiet magħmula fil-kuntest tal-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura tas-27 ta' April 2021, peress li, f'dawn il-mistoqsijiet, il-Qorti Ġenerali ma esponiet l-ebda opinjoni.

194 Fir-rigward tal-argumenti tal-appellanti dwar iċ-ċaħda tat-talba tagħha għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura mressqa fit-8 ta' April 2021, din ma tippreċiżax in-natura tal-iżball allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, dawn l-argumenti huma inammissibbli.

195 Fl-aħħar nett, sa fejn l-appellanti ssostni li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni, peress li ma tippermettix li jiġi ddeterminat liema allegat ksur serju mmotiva l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, għandu jiġi rrilevat li dan l-ilment huwa ta' natura ġenerali u, b'mod partikolari, ma jippermettix li jiġu identifikati l-punti tas-sentenza appellata li hija tkopri.

196 Fi kwalunkwe każ, fil-punt 26 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali elenkat b'mod iddettaljat ċertu numru ta' miżuri u ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji li l-appellanti kienet id-destinatarja tagħhom u li l-BĊE bbaża ruħu fuqhom sabiex jikkonstata l-eżistenza ta' ksur serju.

197 Minn dan isegwi li dan l-argument għandu wkoll jiġi miċħud.

198 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-seba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u bħala parzjalment infondat.

199 Peress li l-ebda wieħed mill-aggravji ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

200 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

201 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

202 Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok, skont it-talbiet tal-BĊE, li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-BĊE.

203 Peress li l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet il-kundanna ta' parti oħra għall-ispejjeż tal-azzjonista, hemm lok li jiġi deċiż li din tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Anglo Austrian AAB AG hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).**

3) **Belegging-Maatschappij "Far-East" BV għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Firem